Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 8/2013AE

**Doris Zammit [I.D. 259156 M]**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016

Doris Zammit, illum appellata, kienet beneficjarja ta' *Allowance* Supplimentari moghtija lilha mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Izda b'decizjoni tad-Direttur, illum appellant, tal-1 t'Ottubru 2009, hija giet infurmata li l-applikazzjoni taghha ghall-ghajnuna socjali kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li hija m'ghadhiex aktar intotolata ghaliha ghaliex id-Direttur ma kienx sodisfatt li hija qed tifforma familja ghal rasha.

L-appellata ressqet appell lill-Arbitru a tenur tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'decizjoni datata 26 ta' Jannar 2011 l-Arbitru kkonkluda li –

*"wara li kkunsidra c-cirkustanzi kollha, huwa tal-fehma li d-Dipartiment, anki fid-dawl li saru, ma kienx gustifikat fid-decizjonijiet imsemmija u ghalhekk dawn l-appelli ghandhom jigu milqugha."*

Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali kien appella minn dik id-decizjoni u ressaq aggravju dwar (i) in-nullita' tad-decizjoni tal-Arbitru ghax ma kinitx motivata; u (ii) il-mertu in kwantu fil-fehma tad-Direttur il-verzjoni tal-beneficjarja appellanti ma kinitx kredibbli.

B'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-20 t'Ottubru 2011 gie milqugh l-ewwel aggravju tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali u ghalhekk giet revokata u annullata d-decizjoni tal-Arbitru tas-26 ta' Jannar 2011 b'dana li l-atti gew rimandati lura lill-Arbitru sabiex fid-dawl ta' dak deciz jghaddi ghad-decizjoni tieghu motivata skont il-ligi.

Fl-10 t'April 2013 l-Arbitru ta d-decizjoni tieghu wara li ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Ezamina r-rapport tal-Ispettur tad-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcji u anki x-xhieda li tressqet u rrileva li l-appellanti kkonfermat li l-partner taghha ma jorqodx fid-dar taghha u li anki waqt l-ispezzjoni hi baqghet tghid li l-partner taghha jghix f'post iehor. Mill-kumpless tal-provi, l-Arbitru hu tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-appellanti hija kredibbli u li l-ispezzjoni li saret ma wasslitx ghall-provi differenti. Ghal dawn ir-ragunijiet huwa tal-fehma li d-decizjoni tad-Dipartiment ma kinitx gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh."*

Minn din id-decizjoni appella d-Direttur tas-Sigurta' Socjali wara li hassu aggravat li (i) l-Arbitru rega' ghadda biex jilqa' l-appell minghajr motivazzjoni adegwata billi kkonkluda li l-verzjoni moghtija mill-appellanti hija verosimili minghajr ma ta r-ragunijiet li fuqhom ibbaza tali konkluzjoni hekk kif il-fattispece kienu jesigu *ai termini* tal-artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) fil-mertu, l-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-provi.

L-appellata wiegbet li d-decizjoni tal-Arbitru kienet korretta u gusta u tirrifletti dak li huwa kkunsidra wara li sema' waqt il-provi kollha prodotti mill-partijiet. Qalet ukoll li d-decizjoni tal-Arbitru tista' tigi appellata principalment fuq punt ta' ligi. Bl-appell li ppropona d-Direttur, qieghed jipprova jnaqqas id-diskrezzjoni tal-Arbitru billi jitlob lill-qorti sabiex terga' tikkunsidra l-meritu tal-kaz. Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-Arbitru jekk ma jkunx hemm zball manifest.

Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-ewwel aggravju.**

Id-Direttur (appellant) jilmenta li nonostante d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-20 t'Ottubru 2011 l-arbitru rega' laqa l-appell ta' Doris Zammit minghajr ma pprovda motivazzjoni adegwata ghall-konkluzjonijiet tieghu.

Dwar din il-materja gie ritenut konsistentement mill-Qrati[1] li –

*'.....ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni. [Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2009.] Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement*

[1] **Donna Ohayon vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Lulju 2015 App Nru 26/14

*hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri", 28 ta' Mejju,2010;*

*Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi "f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

*Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma ukoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom" ("Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Fil-fattispeci, allura, ghaliex il-gravam kien qed jigi michud.*

*Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu; Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u rrazzjonalita` tal-motivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u rrizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti flismijiet "Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 9 ta' Jannar, 2009 u "Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali", 30 ta' Jannar, 2009;"* [2]

Maghdud ma' dawn il-principji jintqal ukoll illi safejn hu guridikament possibbli, is-sentenza ghandha tkun salvata, minflok annullata[3].

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-motivazzjoni tad-decizjoni tal-arbitru tal-10 t'April 2013 fl-isfond tal-principji gurisprudenzjali appena citati kif ukoll fid-dawl tal-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-20 t'Ottubru 2011 fl-ismijiet premessi. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant Direttur li din id-darba, fid-decizjoni tieghu t'April 2013 l-Arbitru naqas milli jipprovdi motivazzjoni adegwata bizzejjed sabiex jigi dedott minnha r-ragunament li wasslu biex jasal ghal konkluzjoni li ha. Huwa minnu li d-decizjoni m'hijiex elaborata izda minnha wiehed jista' jifhem fuq liema elementi strah l-istess Arbitru biex finalment wasal ghad-decizjoni. L-Arbitru jghid li wara li ezamina r-rapport tal-Ispettorat tad-Dipartiment u x-xhieda li tressqet quddiemu ddecieda li ghandu jaghti piz lix-xhieda tal-beneficjarja li qalet li l-*partner* taghha ma kienx jorqod fid-dar taghha

[2] 29 ta' April, 2015, Appell Civili Numru. 4/2014, **George Borg Vs Direttur tas-Sigurta Soċjali**, liema sentenza rreferiet għas-sentenza **Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali** (App.Inf. 06/10/2010).

[3] **Anthony u Joan konjugi Scerri vs Anthony u Sylvie konjugi Cutajar et** Deciz mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-16 ta' Marzu 2005 (Rik 583/2002).

liema verzjoni hija tenniet anke waqt l-ispezzjoni. L-Arbitru qies ukoll li l-ispezzjoni li saret mid-Dipartiment ma wasslitx ghall-provi differenti. A bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-Arbitru ddecieda li l-appellanta Zammit kienet kredibbli u ghalhekk iddecieda favuriha u kontra d-Dipartiment.

Ghaldaqstant la mid-decizjoni tal-10 t'April 2013 tirrizulta ghalhekk il-motivazzjoni mehtiega skont il-ligi dan l-aggravju hu michud.

**<u>It-tieni aggravju</u>.**

Id-Direttur appellant jilmenta li l-Arbitru m'apprezzax korrettement il-fatti li rrizultaw mir-rapport investigattiv tal-ispetturi tad-Dipartiment u lanqas ha konjizzjoni tal-mod kif il-beneficjarja appellanta biddlet il-verzjoni taghha quddiem il-Bord.

In kwantu dan l-aggravju jistrieh unikament fuq ilment dwar l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Arbitru skont id-diskrezzjoni moghtija lilu bil-ligi jigi rilevat immedjatament li l-iskrutinju li trid taghmel din il-Qorti huwa dejjem fl-isfond ta' dak li kostantement gie ritenut fil-gurisprudenza fosthom dik li saret riferenza ghaliha fil-kaz **Audrey Paris vs Direttur tas-Sigurta' Socjali,** deciz minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar 2016[4] -

*"hi karatteristika tal-kazijiet ta' din ix-xorta, hekk unikament bazati fuq il-fatti, illi dawn isegwu s-solitu perkors ta' stharrig u ta' gudizzju bil-mod infraskritt:-*

*1. Jikkompeti in primis lill-Arbitru li jinvestiga jekk id-Direttur ezercitax kif jixraq il-poter diskrezzjonali tieghu biex wasal ghad-decizjoni proprja;*
*2. Jispetta mbaghad lil din il-Qorti li taccerta u tassikura jekk minn naha tieghu l-Arbitru mexiex rite u recte fit-tfassil tad-decizjoni tieghu, u, allura, jekk kienux jezistu ragunijiet validi biex l-Arbitru jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b'dik tieghu, favorevoli ghall-appellanti[5]."*

Dwar il-provi li jemergu mir-rapport tal-4 ta' Settembru 2009 imhejji mid-Dipartiment illum appellant jirrizulta li:

i. Wara nformazzjoni anonima li rcieva d-Direttorat (Frodi ta' Beneficcji u Investigazzjoni) zewg spetturi tad-Dipartiment wettqu spezzjoni ghal gharrieda gewwa r-residenza tal-beneficjarja fis-6.20am nhar it-3 ta' Settembru 2009;
ii. Meta mistoqsija dwar min kien qieghed jghix f'dak l-appartament Zammit wiegbet li hija kienet tghix wahedha;

[4] Rik 30/2014AE.

[5] **Avon Theuma vs Direttur tas-Sigurta' Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-12 ta' Marzu 2010 (App Nru 17/2009).

iii. Wara dan, l-ispetturi talbuha biex jispezzjonaw ir-residenza u hija accettat mill-ewwel;

iv. Qabel ma bdiet din l-ispezzjoni izda, il-beneficjarja stqarret maz-zewg spetturi li maghha kien qieghed jghix is-sieheb taghha u li kien ilu joqghod maghha ghal din l-ahhar sena;

*v.* Il-beneficjarja pprocediet billi dahhlet lill-ispetturi fl-ewwel kamra tas-sodda li fiha, f'zewg sezzjonijiet tal-gwardarobba gew innutati hwejjeg li facilment setghu jigu abbinati ma' persuna adulta maskili. Ir-rapport jghid *"Gew innutati fost l-ohrajn bosta ggieget, flokkijiet, qomos u qliezet. Dawn il-hwejjeg kienu bizzejjed biex ikopru s-sena kollha. Il-beneficjarja stqarret maghna li dawn kienu jappartjenu lis-sieheb taghha."* ;

vi. Kexxun mill-gradenza kien "mimli kollu bi hwejjeg u flokkijiet ta' taht, kif ukoll numri konsiderevoli ta' kalzetti" li l-beneficjarja ukoll ammettiet li kienu tas-sieheb taghha;

vii. Il-bqija tal-kxaxen kien fihom hwejjeg li jappartjenu lil beneficjarja;

viii. Mitluba taghti xi nformazzjoni dwar is-sieheb taghha, il-beneficjarja ma xtaqitx tizvela wisq dettalji hlief li kien mill-Isla u kien jahdem bhala *cleaner*;

ix. In vista tal-ammissjoni tal-beneficjarja li hija kienet qeghda tirrisjedi b'mod regolari u permanenti mas-sieheb taghha, kif ukoll tal-hwejjeg u abbiljamenti misjuba fil-fond li l-beneficjarja stess volontarjament irrikonoxxiet li kienu tas-sieheb taghha, l-ispetturi tad-Dipartiment raw li ma kienx hemm lok li jkomplu ghaddejjin aktar b'din l-ispezzjoni.

Quddiem l-Arbitru, f'dikjarazzjoni bla data, l-appellanta Zammit xehdet li wara li nqara u spjegat lilha r-rapport tal-ispettorat tad-Dipartiment:-

*" …nghid li naqbel ma' dak li fih pero' nikkonferma b'mod qawwi illi waqt li jiena ghedtilhom illi kont ili xi sena li kelli partner ghidtilhom ukoll li dan il-partner ma kienx joqghod mieghi u jiena nfatti meta gew kont wahdi ghalkemm kienu s-sitta u ghoxrin ta' filghodu u jien kont ghadni fis-sodda. Jiena kont u ghadni norqod fl-ispare bedroom u din is-sodda kienet allura maqlugha. L-inspectors veru li raw is-sodda maghmula u mhux maqlugha izda dik kienet tal-kamra l-ohra. Tant kont rieqda li huma stess staqsewni jekk ridtx immur inbiddel qabel inkellimhom izda jien ghidtilhom li galadarba jien qomt u qeghda maghkom, inkompli nitkellem. Fuq domanda tal-Arbitru jien nikkonferma illi dan il-partner tieghi ma jorqodx hemm; il-partner tieghi joqghod l-Isla. Nispjega li l-ispare bedroom fiha sodda wahda u din hija l-kamra li jiena nuza, u kont nuza dakinhar tal-inspection."*

Elenkati dawn il-provi li jikkaratterizzaw il-mertu tal-kaz odjern u analizzati fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet li ghamel it-Tribunal biex wasal ghal konkluzjoni favur il-beneficjarja Zammit, il-Qorti tibda biex tosserva illi kienet l-appellata li pproponiet appell quddiem l-arbitru mid-decizjoni tad-Direttur. Kien jinkombi

fuqha li bi provi konvincenti turi li d-decizjoni tal-Arbitru ma kinitx flokha.

Minn ezami tal-provi li tressqu quddiem l-Arbitru, din il-Qorti hi tal-fehma li l-Arbitru naqas milli jaghti l-piz misthoqq lil diversi fatturi rilevanti li fil-fehma tal-Qorti kellhom jimpingu direttament fuq il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni ahharija tieghu dwar il-kaz. Jispikkaw partikolarment id-diversi diskrepanzi kemm bejn dak misjub mill-ispetturi fl-*ispot check* u dak li Zammit <u>sussegwentement</u> xehdet quddiem il-Bord; kif ukoll il-fatt li l-istess Zammit biddlet il-verzjoni taghha aktar minn darba – kemm waqt l-ispezzjoni stess kif ukoll wara.

L-ghan wara spezzjonijiet ghall-gharrieda huwa proprju li jissorprendu lill-persuni fl-ambjent ta' kuljum taghhom. Rilevanti ferm dak li rrizulta mill-ispezzjoni kif ukoll dak li stqarret l-appellata volontarjament lill-ispetturi.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-provi li hemm fl-atti jiskreditaw lill-appellata odjerna. Huwa sinifikanti sa mill-bidunett tal-ispezzjoni li kif Zammit giet rinfaccjata mill-ispetturi habta u sabta, l-ewwel reazzjoni taghha kienet li hija tghix wahedha fl-appartament. Izda malli l-ispetturi qalulha li kien jehtigilhom jaghmlu spezzjoni fil-fond, hija minn jeddha biddlet il-verzjoni u qalet li s-sieheb taghha kien ilu jghix maghha ghal madwar sena. Il-Qorti ma tarax ghaliex m'ghandhiex temmen li dan id-diskors verament intqal *a tempo vergine* mill-appellata – dan mhux biss ghax dan il-kliem huwa konfermat miz-zewg spetturi li ffirmaw ir-rapport izda wkoll ghax il-varjeta' ta' hwejjeg maskili li nstabu u l-kwantita' taghom huma kompatibbli ma' sitwazzjoni ta' persuna maskili tabita b'mod regolari f'dan l-appartament.

Fid-dikjarazzjoni taghha quddiem l-arbitru, l-appellata odjerna ma cahditx dik il-parti tar-rapport fejn intqal li nstabu kwantita' ta' hwejjeg maskili u fejn hija kkonfermat li dawn kienu tas-sieheb taghha. Pero' f'dik l-istess dikjarazzjoni hija naqset ghal kollox milli taghti spjegazzjoni kredibbli ghall-prezenza ta' dik il-kwantita' kollha ta' hwejjeg tas-sieheb taghha fl-appartament. Il-varjeta' kollha ta' hwejjeg li tissemma fir-rapport tal-ispetturi, tindika presenza ta' ragel f'dak il-fond partikolari u l-Qorti tqis li l-appellata ma ressqet ebda hjiel ta' prova konvincenti li tpoggi f'dubju dan in-ness bejn is-sieheb taghha u l-abitazzjoni tieghu f'dak il-fond. Fl-ittra tal-appell quddiem l-arbitru tat-13 t'Ottubru 2009 hija tghid li l-hwejjeg tas-sieheb taghha li nstabu fl-appartament huwa *"jhallihom ghal meta jigi jaghmilli xi haga d-dar".* Verzjoni li l-qorti tqies ghal kollox inverosimili. Kienet tkun kredibbli kieku forsi nstab xi flokk u qalziet li wiehed forsi kien jifhem li jkunu thallew hemm fuq ir-rih biex jintlibsu f'kaz ta' bzonn. Imma xi hadd li jhalli fil-post hafna ggieget, flokkijiet, qomos u qliezet, kif ukoll kexxun mimli hwejjeg, flokkijiet ta' taht u ammont konsiderevoli ta' kalzetti, jaghmel hekk ragonevolment ghax ikun qieghed jabita fih. L-appellata odjerna

ma ressqet ebda prova biex ixxejjen din il-presunzjoni ragjonevoli.

Il-Qorti tinnota wkoll li quddiem l-arbitru l-appellata qalet li kienet torqod gol-*ispare* bedroom li fiha sodda wahda u mhux gol-kamra tas-sodda b'sodda mattrimonjali fejn instabu l-hwejjeg tas-sieheb taghha. Jekk veru kien hekk allura tqum wahedha l-mistoqsija u cioe' il-ghala hija m'ghamlet ebda tentattiv waqt l-ispezzjoni biex tipprova tikkonvinci lill-ispetturi dwar dan. Il-komportament taghha u d-diskors li qalet waqt l-ispezzjoni anzi wera mod iehor. Rilevanti ferm hu li fir-rapport tal-ispetturi, jinghad li l-appellata: *"…. stqarret maghna li maghha kien ighix is-sieheb taghha u li kien ilu joqghod maghha ghal din l-ahhar sena".* Ghalhekk ma kienx korrett l-Arbitru meta fid-decizjoni qal li waqt l-ispezzjoni, l-appellata kienet *"…. baqghet tghid li l-partner taghha jghix f'post iehor"*. Hu veru li fil-bidu tal-ispezzjoni qalet lill-ispetturi li kienet tghix wahedha, izda jidher li wara li fil-fond raw kwantita mhux zghira ta' hwejjeg tal-irgiel, l-appellata kkonfermat li s-sieheb taghha kien ighix maghha. Meta mbaghad xehedet quddiem l-Arbitru, qalet li kull ma qalet lill-ispetturi kien li kienet ilha sena f'relazzjoni u l-partner ma kienx jorqod maghha. Jibqa' 'l fatt li ma tat l-ebda spjegazzjoni kredibbli ghal presenza ta' dawk il-hwejjeg kollha ta' ragel, li nstabu fid-dar fejn kienet tghix. Hu evidenti li sa mill-bidunett meta appellat quddiem l-Abritru, l-appellata ma kinitx qeghda tghid il-verita'. Fil-fatt fl-ittra tat-2 ta' Novembru 2009 qalet: *"Ftahtilhom kull fejn riedu* ***u sabu xi haga zghira hafna****, tal-hwejjeg tal-boyfriend billi jiena kelli boyfriend steady……"* (enfazi tal-qorti). Mir-rapport tal-ispetturi hu car li l-kwantita' ta' hwejjeg li nstabu fid-dar tal-appellata, ma jistax jigi deskritt bhala *"xi haga zghira hafna"*.

Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz id-Direttur altru milli kien gustifika fid-decizjoni li wasal ghaliha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel aggravju u tilqa' t-tieni aggravju tal-appell tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali. Ghaldaqstant thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-10 t' April 2013 u tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali tal-1 t'Ottubru 2009.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellata.**

Anthony Ellul.